# POST L-IMQABBA FL-ISTORJA TAX-XARABANK MALTIJA

## Kitba f'isem il-proġett MEMORJA tal-Arkivji Nazzjonali

*Richard Stedall u Paul Mamo*

### L-Ewwel Karozzi tal-Linja f'Malta

L-ewwel karrozza tal-linja li waslet Malta kienet biss għall-wiri. Kienet mibnija l-Ingilterra minn John I. Thornycroft and Company Ltd. f'Basingstoke. Waslet Malta lejn l-aħħar tal-1904 u, billi kellha suċċess, ġie ffurmat il-'*Malta Motor Omnibus Syndicate, Ltd*' li ordnat sitt karrozzi minn *Thornycroft*. Erbgħa minnhom kienu b'żewġ pjani b'dak ta' fuq miftuħ, oħra, li aktarx kienet dik li giet għall-wiri u li bidlulha l-'body' tagħha kienet bi pjan wieħed, u s-sitt waħda kienet trakk bażiku li ffittjawh bil-bankijiet u b'kanupew sempliċi. Il-kumpanija kienet tmexxi servizz minn barra Putirjal (bejn wieħed u ieħor fejn illum hemm il-funtana tat-Tritoni) tgħaddi mill-Imsida, il-Gżira, Tas-Sliema sa San Ġiljan. Is-servizz beda mill-ħarifa tal-1905 imma lejn l-aħħar tal-1906 ġie rrapurtat li kien diġà waqaf.

### Il-bidu tar-regolarizzazzjoni

Kien għal ħabta tal-1920 meta s-servizzi tal-linja reġgħu bdew b'ċerta ħeġġa u bdew jinbnew fuq ix-'chassis' tal-ambulanzi u vetturi oħra li kien baqa' mill-Ewwel Gwerra Dinjija. Nies lokali tas-sengħa li kienu jibnu karettuni u karozzini miġbudin miż-żiemel, bdew jibnu il-body fuq dawn ix-chassis għall-operaturi tax-xarabanks li kienu bla esperjenza. Lejn l-aħħar tal-għoxrinijiet in-numru ta' karrozzi tal-linja fit-triq kien qed jiżdied b'ħeffa u qabeż il-500. Fl-1930 il-Gvern iddeċieda li jirregola s-servizz tal-karozzi tal-linja billi waqqaf it-'*Traffic Control Board*'. Ma bdewx joħorġu aktar liċenzji (ħlief taħt ċerti kundizzjonijiet li rari kienu jintużaw) u l-karozzi bdew jiġu assenjati fuq rotot fissi u miżbuħa b'kuluri vivaċi, uniċi għal dik ir-rotta, biex wieħed ikun jista' jiddentifikahom. Fl-1933 ġew introdotti regoli ġodda għall-kostruzzjoni u b'hekk l-karrozzi tal-linja bdew isiru akbar, aktar siguri, b'żieda fil-postijiet bilqiegħda minn bejn 14 u 18 għal bejn 21 u 26, skont it-tip ta' karrozza.

### L-ewwel Servizz Tal-Karozzi tal-linja Fl-Imqabba

Kien f'dan iż-żmien li l-karozzi tal-linja li bdew jgħaddu mill-Imqabba saru parti min-netwerk tar-rotta taż-Żurrieq. L-istess rotta kienet tkopri wkoll Ħal-Safi, Ħal-Kirkop u Ħal-Luqa. L-avvizi tat-tibdil fir-rotot u tan-noll kienu jidhru fil-gazzetta tal-Gvern, u l-ewwel aċċenn li sibt kien fl-ewwel ta' Lulju 1931, fejn issemma li r-rotta taż-Żurrieq kienet topera f'ċirku madwar il-villaġġi kif ġej: -il-Belt – Ħal Luqa – iż-Żurrieq – il-Qrendi – l-Imqabba - Ħal Luqa – il-Belt. Bejn l-0400 u is-0600 il-karozzi kienu jitilqu miż-Żurrieq malli jimtlew (barra numru minimu ta' postijiet li kellhom jibqgħu vojta għall-passiġġieri tal-villaġġi ta' wara). Bejn is-0600 u t-0800 kienu jitilqu kull 30 minuta. Bejn it-0800 u l-1000 m'hemm l-ebda servizz illistjat iżda jerġa' jibda kull nofs siegħa bejn l-1000 u 1200. Mill-1200 sat-1800 il-karozzi kienu jitilqu kull siegħa. Mill-Belt Valletta lura għall-irħula s-servizz kien bejn wieħed u ieħor bl-istess frekwenza bl-aħħar karozza titlaq fis-1930. Il-karrozzi tal-linja allokati fuq rotta kienu jaħdmu fuq roster ikkompilat mill-pulizija. Dan ifisser li l-karozzi kien ikollhom sehem ugwali kemm tal-vjaġġi li jrendu kif ukoll dawk inqas popolari. Jekk karozza timtela qabel il-ħin titlaq u dik li jmiss titlaq fil-ħin li kellha titlaq ta' qabilha. Kien f'dan iż-żmien li ġie introdott il-kulur aranċjo fuq il-karozzi tar-rotta taż-Żurrieq. L-ewwel nollijiet li għandi rrekordjati għalissa huma dawk li jibdew minn Marzu 1940 meta vjaġġ mill-irħula għall-Belt kien 3 soldi u nofs mit-Tnejn sas-Sibt u għall-ħaddiema li jużaw is-servizz qabel is-0700 kien jitnaqqas għal 2 soldi u nofs. Fil-każ tar-rotta taż-Żurrieq it-tnaqqis fin-noll kien ikun ukoll bejn il-17.00 u l-1800 għalkemm ħafna rotot ma kinux inaqqsu n-noll wara nofsinhar. Wara 2000 u fil-Ħdud u l-festi, in-noll kien jiżdied għal 4 soldi.




*It-trakk bin-numru 2018 kien ta' Frances Grech (ta' Pupull) mill-Imqabba bejn Awwissu 1952 u Diċembru 1967. Dan ir-ritratt ittieħed fil-bidu ta' Frar 1967 meta tela għall-ewwel test għand il-Pulizija. (Ħajr: Malta Bus Archive)*

Eventwalment ir-rotta taż-Żurrieq nqasmet u l-maġġoranza tal-karozzi tal-Imqabba bdew jieqfu il-Qrendi qabel ma jerġgħu lura lejn il-Belt filwaqt li l-karozzi ġejjin u sejrin lejn iż-Żurrieq bdew jgħaddu minn Ħal Safi u Ħal Kirkop qabel imorru lura lejn il-Belt. Ix-xogħol biex tiġi miktuba l-istorja kollha tar-rotot tal-linja fin-nofsinhar ta' Malta qed jitkompla.

## Karozzi tal-linja li nbnew fl-Imqabba

Records dettaljati dwar il-karozzi tal-linja għadhom jeżistu. Inizzjalment il-files kienu jinżammu mit-taqsima tat-traffiku tal-Pulizija ta' Malta iżda daż-żmien tieħu ħsiebhom is-sezzjoni tal-liċenzji ta' Transport Malta. Min-numru ta' snin'l hawn dawn il-files qed intużaw għar-riċerka u erja li ġiet irrekordjata u kkompilata tinkludi min għamel ix-xogħol fuq il-body tax-xarabank u fejn kien il-workshop. Mill-Imqabba kien hemm tnejn. Wieħed minnhom kien Joseph Xuereb 'tal-Patri' li kien joqgħod 12, Triq il-Parroċċa u li kellu l-workshop fi Triq Santa Katarina. S'issa f'ismu hemm reġistrati 14-il xarabank flimkien ma' waħda li reġa' bnielha l-*body* minn *normal control* għall-*forward control – bulldog layout*. Dawn il-karozzi nbnew bejn l-1951 u l-1955. Peress li r-riċerka għadha għaddejja hemm il-possibiltà li l-lista tkompli tikber.

Ieħor mill-Imqabba li kien jaħdem fuq il-body tax-xarabanks kien Francis Saliba 'ta' Mona'. Dan kien propjetarju ta' karozzi tal-linja u ħadem fuq ta' mill-inqas tlieta mix-xarabanks tiegħu stess. Francis kien joqgħod 4, Triq Sant'Innoċenz. Il-karozzi nbnew bejn l-1951 u l-1955 ukoll.

## Karozzi tal-linja ta' sidien mill-Imqabba

Naturalment, mhux kull min kellu xarabank kien isuqha hu stess (u għalhekk mhux kull min kien isuq karozza tal-linja kien il-propjetarju). Billi fir-records tat-Transport Malta hemm imniżżel biss l-isem tal-propjetarji, u rarament tax-xufiera, il-lista tinkludi biss dawk l-individwi li kellhom il-karozzi tal-linja. Peress li x-xogħol biex jiġu reġistrati l-propjetarji għadhu kif beda, ix-xogħol fuq il-lista għadu għaddej u ħafna individwi oħra probabbilment se jiġu miżjuda waqt li jitkompla l-proġett.

Matul it-tletinijiet u l-erbgħinijiet, il-karozzi tal-linja kellhom jiġu ggaraxxjati matul it-triq tar-rotta. Għalhekk, mhux ix-xarabanks kollha fil-lista kienu fil-verità ggaraxxjati fl-Imqabba.

### Sidien ta' trakkijiet tal-linja mill-Imqabba

Il-lista mhux kompluta peress li din ir-riċerka tinsab fil-bidu tagħha. Ir-riċerka tkompli!

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Emanuele FARRUGIA* | *bus 2425* | *10/54 (kurrenti sal-1967)* | *Ħaż-Żabbar* |
| *Anthony GHIGO* | *bus 5568* | *10/57 to 1/62* | *Żurrieq* |
| *Frances GRECH* | *bus 2018 (1)* | *8/52 – 2/67* | *Cospicua* |
| | *bus 2018 (2)* | *2/67 (kurrenti sal-1967)* | *Cospicua* |
| *Luca MANGION* | *bus 236* | *c. Ottubru 1932 - sa May 1938* | *B'kara* |
| *Francis SALIBA* | *bus 208 (1)* | *sa 8/37* | *Kiri privat* |
| *(Kien ukoll jibni l-karozzi)* | *bus 7206 (1)* | *sa 1952 – 5/55 (saret bus 5571)* | *Kiri privat* |
| | *bus 7206 (2)* | *5/55* | |
| *Possibilment sid ta'* | *5574* | *fl-1951 ?* | *Kiri privat* |
| *Joseph SCIBARRAS* | *bus 192 (1)* | *6/37 – by 11/38* | *Kiri privat* |
| | *bus 192 (2)* | *by 11/38 – 12/38 (1)* | *Kiri privat* |
| | *bus 192 (2)* | *6/42 – 1/43* | *Kiri privat* |
| | *bus 5574* | *2/38 – 2/39 (1)* | *Kiri privat* |
| | ***Nota 1*** *– 11/38, liċenzi 192 u 5574 jidher li kienu sħab bejn John Mary Caruana, Gudja (bħala sħab minuri – Joseph Sciberras baqa msemmi fil-fajls tal-Pulizija bħala s-sid. Jista jkun li dan kien sabiex jittrasferixxu liċenza minnhom għal fuq ir-rotta Gudja-Għaxaq liema mossa kienet rifjutata.* | | |
| *Eugenio SCIBERRAS* | *bus 192 (2)* | *12/38 - 6/42* | *Kiri privat* |
| | *bus 3310 (1)* | *? – 12/66* | *Cospicua* |
| | *bus 3310 (2)* | *12/66 (and still current at end of 1967)* | *Cospicua* |
| *Mikiel XUEREB* | *3325* | *12/38 (but being driven by a Salvu Galea)* | *Kalafrana* |

## Karozzi tal-linja mibnija fl-Imqabba

Il-lista mhiex kompleta peress li dan hu proġett fil-bidu tiegħu.

| Reġistrazzjoni | Tip ta' Chassis | Bennej | Data tal-ewwel eżami |
|---|---|---|---|
| *2377* | *Bedford OY* | *Joseph Xuereb* | *Jannar 1951* |
| *5574* | *Dodge T110L n/c* | *Francis Saliba* | *Ġunu 1951* |
| *3308* | *Thames ET7* | *Joseph Xuereb* | *Lulju 1951* |
| *144* | *Willys (1)* | *Joseph Xuereb* | *Novembru 1951* |
| *3356* | *Thames ET7* | *Joseph Xuereb* | *Marzu 1952* |
| *2353* | *Dodge T110L n/c* | *Joseph Xuereb* | *April 1952* |
| *140* | *Thames ET7* | *Joseph Xuereb* | *Ġunju 1952* |
| *7206* | *Ford V8* | *Francis Saliba* | *Diċembru 1952* |
| *3013* | *Thames ET7* | *Joseph Xuereb* | *Diċembru 1952* |
| *3280* | *Reo (2)* | *Joseph Xuereb* | *Marzu 1953* |
| *1526* | *Thames ET7* | *Joseph Xuereb* | *April 1953* |
| *3341* | *Bedford OY* | *Joseph Xuereb* | *Awwissu 1953* |
| *1169* | *Thames ET7* | *Joseph Xuereb* | *Ottubru 1953* |
| *2541* | *Thames ET7* | *Joseph Xuereb* | *Frar 1954* |
| *1795* | *GMC (3)* | *Joseph Xuereb* | *Awwissu 1954* |
| *2348* | *Bedford OY* | *Joseph Xuereb* | *Ottubru 1954* |
| *7206* | *Dodge T110L f/c* | *Francis Saliba* | *Mejju 1955* |
| *2488* | *Dodge T110L f/c* | *Joseph Xuereb* | *c. Settembru 1955* |

*n/c = kontroll normali* *f/c = kontroll fuq quddiem*

**NOTI**

Estensjoni u bini mill-ġdid ta' dik li kienet 3196, ġdida fl-1935 – mibnija f'format "Bedford"

Estensjoni u bini mill-ġdid ta' dik li kienet 2377 (ġdida 3351 f'1934) – wara saret 2895.

Tibdil minn normali għal kontroll fuq quddiem – bini mill-ġdid tal-qafas eżistenti

Indirizzi ta' dawn il-bennejja tal-karozzi :

**Francis Saliba**
4, Triq San Innoċenzu, Mqabba

**Joseph Xuereb**
12, Triq il-Parroċċa, Mqabba
(b' garaxx fi Triq Santa Katarina)




*Bejn Ottubru 1957 u Jannar 1962, bus 5568 kienet propjeta ta' Anthony Ghigo (il-Baws) mill-Imqabba. (Ħajr għar-ritratt lil Peter Trevaskis)*




*Francis Saliba mhux biss kien sid iżda wkoll jibni l-karozzi. Din l-7206 mibnija fl-1952, tidher fl-1 ta' October 1953 quddiem il-Guard Room, tal-RAF f'Ħal Luqa. (Ħajr: Peter Trevaskis).*

## L-Arkivju tax-Xarabank Maltija u l-Proġett Memorja

Din il-kitba hi frott il-proġett *Malta Bus Archive* li jifforma parti mill-proġett MEMORJA tal-Arkivji Nazzjonali. Il-'*Malta Bus Archive*' tieħu gost tisma' mingħand dawk kollha li ħadmu fl-industrija tal-karozzi tal-linja, kemm dawk tal-passat u sew tal-preżent. Dawn jinkludu s-sidien, ix-xufiera, il-kundutturi, id-dispatchers, il-pulizija tat-traffiku, dawk li jibnu x-xarabanks, il-mekkaniks u dawk li jimpurtaw ix-chassis u l-parts. Nixtiequ nisimgħu wkoll mingħand dawk li kienu jirkbu tal-linja regolarment u li jistgħu jirrakontawlna xi stejjer interessanti dwar is-suġġett.

***Radd-il ħajr:*** *Il-Bord Editorjali jirringrazzja lil Arkivji Nazzjonali li għoġobom jaqsmu magħna din i-riċerka frott il-proġett MEMORJA. Hajr ukoll lis-Segretarju Permanenti s-Sur Christopher Cutajar u l-Ministeru tat-Trasport li bis-saħħa tagħhom qed issir din ir-riċerka intensiva.*